lil Dak li ma jinsiekx."

Qal iż-żgħażugħ:
"Inroddlok ħajr,
xwejħa qaddisa;
sibt faraġ fik
li ma stennejtx.
Faraġ bħal dan ma nsibx
f'dawk it-tfajliet
jiżżiefnu miegħi.
Int ukoll stabar.
mara,
u ssokta ssielet
mal-ħajja li baqagħlek.
Sakemm tistrieħ."

Issa, ix-xiħa u ż-żagħżugħ
infirdu.
Ma kinux jafu 'l xulxin.
Infirdu bi tbissima.
Sa jissoktaw
jissieltu.

# DAWL FID-DLAM

**Damma ta' Poeżiji ta'**

**MANWEL NICHOLAS-BORG**

**L-Akkademja tal-Malti tixtieq tiżżiħajr lill-awtur ta' din id-damma ta' poeżiji miġbura fi ktieb hekk voluminuż (358 paġna) għall-ġest tassew sabiħ tiegħu meta għoġbu jirregala għadd kbir ta' kopji — iżjed minn mija — lilha biex tiddisponi minnhom kif tixtieq. Il-ħsieb tiegħu kien li jgħin kemm jista' l-fondi ta' l-Akkademja tal-Malti li qatt ma kienu ta'bin. Għalhekk il-membri akkademiċi jew imseħbin fi IL-MALTI jixdaqstant, min fost il-membri akkademiċi jew imseħbin fi IL-MALTI jixtieq jikseb kopja ta' dan il-ktieb jista' jikteb lit-Teżorier, is-Sur Pawlu Miftieq jikseb kopja ta' dan il-ktieb jista' jikteb lit-Teżorier, is-Sur Pawlu Mifsud, 24 Triq il-Ferrovija, B'KARA, u jibgħat ukoll £M2 u jirċevih id-dar bil-posta. Tkunu qegħdin tgħinu lill-Akkademja u fl-istess ħin tagħmlu konoxxenza mill-qrib ta' ħabib kbir ta' l-Ilsien Malti li, għalkemm ilu s-snin l-Awstralja, baqa' miġbud sħiħ lejn l-Art li tagħtu l-ħajja.**

# PRIŻMA

**Radjudramm**
**ta' Vic. Apap**

**(jorbot ma' Sett. 1976 p. 88)**

**Xiħa:** Warda Maltija
Tal-Gżira li rat fuqha l-isbaħ ġrajja
U bl-egħżież wirt sal-lum għadha mimlija.
Warda Maltija.

**Toni:** Grazzi. Kif taf li jien Malti?

**Xiħa:** U naf min int ukoll: is-sur Toni Bajada, wieħed mill-aqwa għawwiema ta' Malta. Issa nifrex il-karti biex naqralek xortik?

**Toni:** Ħaġa waħda nixtieq naf. U sa nħallsek bil-quddiem.

ĊEKĊIK TA' FLUS

**Xiħa:** Qalbek tajba, sinjur. Staqsini u nwieġbek.

**Toni:** Il-lejla sa jsir ballu kbir għand il-Kontessa Walewska.

**Xiħa:** L-isbaħ ballu tas-sena. Sa jkun hemm l-aqwa nies.

**Toni:** Nixtieq immur jien ukoll. Imma kif nagħmel?

**Xiħa:** **(tidħak)** Dan li ridt taf? Ha, ħa, ħa... Jien nista' nirranġalek.

**Toni:** Tassew?

**Xiħa:** U, sinjur, inti qiegħed waħdek f'din il-belt. Clara, miskina, qiegħda Ruma weħidha. Qalbha sewda, ruħi qalbi. Benito qiegħed bħalissa Addis Abeba jitkellem man-Negus dwar l-Iljun tad-Deheb. Kemm xtaqet Clara tiġi Napli għand il-kontessa. Jekk tgħidli li takkompanjaha int, kemm inċemplilha biex tiġi. Għalik, bħala Malti, Benito ma jgħid xejn.

**Toni:** Lanqas għandi x'nilbes għal-ballu. Taħseb li nsib xi ħaġa tgħodd għalija?

**Xiħa:** Ha, ħa ħa... Jekk tħalli f'idejja, tkun liebes l-aħjar wieħed. X'jidhirlek minn kostum ta' Gran Mastru ta' Malta? Ħalli f'idejja, sinjur. Naħsiblek għal kollox jien.

**Toni:** Tal-għaġeb.

**Xiħa:** Imma, sinjur, taf int, ikolli nonfoq il-flus biex jirnexxili nagħmel kollox kif tixtieq qalbek.

**Toni:** Fhimtek, fhimtek. X'għandi nagħtik?

**Xiħa:** Le, sinjur. Mhux issa. Jien biex tkun taf biss qiegħda ngħidlek.

**Toni:** Agħmel inti.

**Xiħa:** Ħalli kollox f'idejja. Issa sa nħallik, sinjur; din biċċa xogħol li fiha ħafna taħbit. Ħallejtek.

**Toni:** Telqet, u jien bqajt waħdi naħseb kif sa nġib ruħi ma' Clara u x'sa naqbad ngħidilha.